Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 3/17

**Clive Terribile (appellat)**

vs

**Orange Travel Group Ltd (appellanti)**

16 ta' Ottubru, 2018.

1. **Il-kawża tikkonċerna talba għall-ħlas tas-somma ta' €1,942 rifużjoni ta' prezz imħallas mill-attur għall-Mediterranean Cruise.**

2. Fit-13 ta' Ottubru 2016 l-attur Clive Terribile ippreżenta talba quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi sabiex is-soċjeta` konvenuta tiġi ordnata tirrifondilu s-somma ta' €1,942 rappreżentanti l-prezz ta' Mediterranean Cruise mixtri mingħandha, u dan minħabba tlett inċidenti li allegatament seħħew waqt li hu u l-familja tiegħu kienu fuq l-imsemmi *cruise* f' Ġunju 2016. L-inċidenti lamentati minnu huma s-segwenti:

   (i) L-ewwel inċident: Waqt li l-vapur kien fil-port ta' Marseilles, u l-attur u l-familja tiegħu kienu ser imorru għall-*excursion* tagħhom, turista Franċiża li kienet qed tipprova tiddeffes bil-bagalja tagħha ġo *lift* tal-vapur, u bħala konsegwenza ibnu ta' tlett snin waqa' u weġġa' siequ*;*

   (ii) It-tieni inċident: Waqt l-*excursion* tagħhom f'Sorrento, fejn kellhom vjaġġ ta' siegħa u nofs kull naħa (i.e. total ta' tlett sigħat), l-*air conditioner* tal-*coach* ma kienx qed jaħdem, u dan inbidel biss fl-aħħar ħmistax-il minuta tal-vjaġġ tagħhom lura lejn il-vapur. (*Fir-rigward ta' dan l-inċident qal li kien ingħata rifużjoni ta' €63 - cioe` nofs il-prezz tal-excursion).*

   (iii) It-tielet inċident: Għal tlett (3) ijiem minn gimgħa, il-*flushing* tat-*toilet* tal-kabina tagħhom ma kienx qed jaħdem.

3. Fl-1 ta' Novembru 2016 is-soċjeta` Orange Travel Group Ltd wieġbet li ma

taqbilx mat-talba tal-attur fir-rigward tat-tlett inċidenti:

(i) Dwar l-ewwel inċident tikkummenta illi l-iffullar ħdejn kull *lift* ta' vapur huwa xi ħaġa normali speċjalment fil-ħin li jkunu ser jibdew l-*excursions.* Issostni li hija ma tistax tassumi responsabbilta` fir-rigward ta' dan l-iffullar. Fi kwalunkwe każ tgħid li minkejja li ġiet infurmata ċertu Carmen Ghio (rappreżentanta ta' Orange Travel Group Ltd) dwar l-iffullar, din qatt ma kellmitha dwar (jew urietħa) xi ferita fir-riġel tat-tifel.

(ii) Dwar it-tieni inċident tikkummenta li l-*coach* eventwalment ġiet mibdula. Tispjega li l-ħin totali tal-*excursion* kien ta' ħames sigħat, li minnhom kien hemm problemi ta' sħana għal mhux aktar minn siegħa u nofs, iżda hija kkumpensat nofs l-ammont tal-*excursion* (€63).

(iii) Dwar it-tielet inċident tikkummenta li r-rappreżentanta tagħhom Carmen Ghio, qatt ma ġiet infurmata u allura ma setgħetx tieħu azzjoni.

Għalhekk sostniet li ma kellhiex tagħti xi kumpens ieħor oltre t-tlieta u sittin ewro (€63) li rrifondietlu minħabba l-problema tal-A/C.

4. Fit-23 ta' Ottubru 2017 it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi laqa' t-talba tal-attur *in parte* u ordna lis-soċjeta` konvenuta Orange Travel Ltd tħallsu s-somma ta' €400 biex tagħmel tajjeb għall-inkonvenjent (i) tal-*coach* mingħajr A/C u (ii) tat-toilet li ma ħadimx, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta` konvenuta.

5. Is-soċjeta` konvenuta ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni u għalhekk fl-10 ta' Novembru 2017 intavolat appell quddiem din il-qorti fejn talbitha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal u tiċħad it-talbiet kollha tal-attur appellat. Bl-ispejjeż kontra l-istess appellat.

6. L-aggravji tas-soċjeta` konvenuta appellanti huma s-segwenti:

(i) **L-ewwel aggravju :** *It-Tribunal ma ħalliex lil Carmen Ghio (xhud indikata mis-soċjeta` konvenuta fir-risposta tagħha) tixhed*

Is-soċjeta` konvenuta tilmenta li l-Arbitru ċaħħadha milli tressaq lix-xhud prinċipali tagħha (it-Tour Leader Carmen Ghio), u dan bi ksur tad-

dritt tagħha għal smigħ xieraq u tal-prinċipju *audi alteram partem*. Hija tilmenta li l-Arbitru irrifjuta li jismagħha għaliex skont hu "*smajt biżżejjed, dan li tieħdu meta tikru coaches tat-tielet klassi*". Hija tilmenta li x-xiehda ta' Ghio kienet fundamentali biex tipprova li m'għandha l-ebda tort fl-episodji lamentati mill-attur.

(ii) **It-tieni aggravju :** *Mir-riżultanzi proċesswali it-Tribunal ma kellux isib responsabbilta` da parti tas-soċjeta` konvenuta*

Is-soċjeta` konvenuta tilmenta li t-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-fatti, u dan b'mod grossolan.

- Dwar l-inċident tal-*lift* targumenta li hija m'għandha l-ebda kontroll fuq il-passiġġieri tal-vapur li jkunu qed jagħmlu użu mil-*lift*;

- Dwar l-inċident tal-*airconditioner* fil-*coach* fl-*excursion* ta' Sorrento, fl-ewwel lok tispjega li l-*coaches* jiġu inkarigati mis-CDF (l-operaturi tal-vapur) u mhux minnha, fit-tieni lok taċċenna għall-fatt fi kwalunkwe każ it-*tour leader* tagħha intervjeniet immedjatament u talbet biex il-*coach* tinbidel, kif fil-fatt ġara fil-vjaġġ lura minn Sorrento, u fit-tielet lok tfakkar li hija kkumpensat lill-passiġġieri kollha (inkluż l-attur) billi rrifondiet nofs il-valur ta' dik l-*excursion* partikolari.

- Dwar l-inċident tal-flushing tat-toilet tispjega li l-attur qatt ma lmenta mat-tour leader f' dan ir-rigward, u lanqas ma ġab prova matul il-mori tal-proċeduri. Tispjega illi li kieku għamel rapport mar-reception tal-vapur huwa kien jingħata riċevuta bid-dettalji tal-allegata ħsara.

(iii) **It-tielet aggravju :** *il-kumpens huwa eċċessiv u sproporzjonat*

Finalment is-soċjeta` konvenuta tilmenta li l-ammont ta' €400 li ġiet ordnata tħallas bħala kumpens għall-inkonvenjent ta' nuqqas ta' *airconditioner* fil-*coach* għal mhux aktar minn siegħa, huwa eċċessiv.

7. L-attur għalkemm fl-14 ta' Ġunju 2018 ġie debitament notifikat bir-rikors tal-appell tas-soċjeta` konvenuta ma ppreżentax risposta.

**Provi.**

8. L-attur Clive Terribile xehed[1] illi f'Ġunju ta' dik is-sena hu u l-familja tiegħu

[1] seduta tad-29.11.2016

marru ġimgħa *cruise* fil-mediterran fuq il-vapur "Zenith", liema *cruise* kienu xtrawh mingħand is-soċjeta` konvenuta. Huwa xehed hekk dwar it-tlett ilmenti mertu tal-kawża odjerna:

> *"Ngħid li meta konna sejrin lejn Sorrento l-A/C fuq il-coach ma kienx qed jaħdem li kien kawża ta' tbatija għalina peress li marti kienet breastfeeding u t-tfal żgħar. Għalkemm ilmentajna it-triq lura kienet fuq l-istess coach. Din l-excursion ġietna €116.*
>
> *Ilment ieħor li għandi huwa li meta wasalna Mariglia, il-Franċiżi iffullaw biex joħorġu. Il-lifts kienu ippakkjati. F'din il-melee mara inġibdet lura u waqqgħet lit-tifel tiegħi. Naf li tort tal-vapur imma għandhom jieħdu naqra responsabbilta`.*
>
> *It-tielet ilment tiegħi huwa li t-toilet fil-kabina tagħna beda' jfur kull darba u kellna ninqdew f' postijiet oħra. Ngħid li l-ġurnata tħassret b'dan l-inkonvenjent.*
>
> *Il-ilment prinċipali pero` huwa l-coach mingħajr A/C".*

9. F'xiehda sussegwenti[2] qal li fir-rigward tat-*toilet* huwa ma kienx għarraf lit-*tour leader* għaliex mar mal-ewwel ir-*reception* tal-vapur u għamel rapport mar-*reception*[3].

10. <u>L-attur dakinhar tax-xiehda tiegħu irritorna ċ-ċekk ta' €63</u> (rappreżentanti rifużjoni ta' nofs il-prezz tal-*excursion* fejn inqalgħet il-problema bl-A/C fuq il-*coach*).

11. <u>Alfred Cappello</u> mis-soċjeta` konvenuta fix-xiehda tiegħu[4] argumenta illi l-iffullar fuq il-vapur mhux tort tagħhom. Aċċenna għall-fatt li fir-rigward tal-inċident fejn waqa' t-tifel fil-*lift* u allegatament weġġa' saqajh ma ġie ppreżentat l-ebda rapport tat-tabib tal-vapur, u lanqas ma tressaq xi ilment mat-*tour leader* tas-soċjeta` konvenuta. Dwar il-problema tal-A/C fuq il-*coach*, qal li dan ma kienx bil-ħsara il-ħin kollu. Aċċenna għall-fatt li-*tour leaders* tagħhom ħadu passi biex il-problem tiġi rranġata, u li wara li l-klijenti tagħhom li kienu fuq dak l-*excursion* partikolari waslu lura Malta ingħataw rifużjoni ta'

---

[2] seduta tad-09.05.2017

[3] Kopja tar-rapport, fuq letterhead ta' "<u>Croisieres De France</u>", datata 30.06.3016, taqra hekk: "*The toilet flushing in my room was not working on 3 different days which made it very unpleasant and disgusting.*" fol 15b

[4] seduta tad-29.11.2016

50% tal-ammont li ħallsu għal tali *excursion*. Dwar il-problema tat-*toilet* qal li qatt ma sar ilment mat-*tour leader* tas-soċjeta` konvenuta.

12. Joe Ghio (*assistant tour leader*) fix-xiehda tiegħu[5] ikkonferma li kien hemm problema bl-A/C f' waħda miż-żewġ *coaches*. Qal li damu xi 50 minuta mingħajr *airconditioning*. Spjega li għalkemm id-driver tal-*coach* l-oħra kien irranġah, wara 5 minuti reġa' mar u kellhom jiftħu l-biċċa tas-saqaf. Qal li x' ħin waslu fl-autostrada biddlu l-*coach*.

13. Carmen Ghio *(tour leader*) fix-xiehda tagħha[6] spjegat li magħha kellha bħala *assistant tour leader* lil żewġha Joe Ghio. Fir-rigward tal-*excursion* ta' Sorrento qalet li kienu telqu minn Napli u kellhom sagħtejn *coach*. Qalet li kienu żewġ *coaches*, u li hi kienet fuq il-*coach* li ma kellux il-problema bl-A/C. Kien meta waqfu ż-żewġ *coaches* sabiex il-passiġġieri japprezzaw veduta panoramika li saret taf bil-problema. Qalet li dak il-ħin ix-xufiera tkellmu bejniethom u rranġaw l-A/C pero` kull ma kien fadal mill-vjaġġ għal Sorrento kienet biss nofs siegħa. Qalet li għalkemm għamiltilhom premura biex għall-vjaġġ lura tintuża *coach* differenti, effettivament reġgħet intużat l-istess waħda. Qalet li eventwalment l-A/C reġa' ma ħadimx, u l-*coach* inbidlet fl-aħħar 20 minuta tal-vjaġġ lura. Dwar it-*toilet* xehdet li l-attur ma kienx infurmaha li kellu problema.

**Konsiderazzjoni.**

**L-ewwel aggravju** – *l-allegat nuqqas ta' tħaris tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali għaliex "ma tħallitx mill-Arbitru tressaq bħala xhud lit-Tour Leader Carmen Ghio u dan minkejja li s-sinjura Ghio kienet indikata fir-risposta tagħha bħala xhud".*

14. Is-soċjeta` appellanti tilmenta bil-fatt li t-Tribunal ma ħalliex lix-xhud prinċipali tagħha Carmen Ghio tixhed, u dan bi ksur tad-dritt tagħha ta' smiegħ xieraq u

[5] seduta tad-29.11.2016
[6] seduta tad-09.05.2016

tal-prinċipju *audi alteram partem*.

15. Wara s-seduta tad-29 ta' Novembru 2016, meta xehedu l-attur Clive Terribile, Alfred Cappello u Joe Ghio, il-kawża kienet differita għas-sentenza. Fis-26 ta' Frar 2017 Dr Franco Galea għan-nom tas-soċjeta\` konvenuta bagħat *email* lit-Tribunal fejn talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza għaliex ma kienx ġie konċess lis-soċjeta\` konvenuta tressaq il-provi kollha tagħha:

> *"Għażiż Arbitru,*
>
> *Għan-nom tas-soċjeta\` intimata qiegħed nitlob is-sospenzjoni tal-prolazzjoni tad-deċiżjoni fil-każ hawn fuq indikat u dan sabiex is-soċjeta\` titħalla tressaq il-provi kollha tagħha, ħaġa li ma ġiex konċess lilha fl-aħħar udjenza.*
>
> *Dit-talba qed issir sabiex tiġi assikurata parita\` ta' opportunita\` lill-partijiet iressqu l-provi tagħhom u jiġu evitati appelli 'il quddiem…."*

16. It-Tribunal laqa' din it-talba permezz tas-segwenti digriet:

> *"It-Tribunal ra r-rikors u jilqa' t-talba u jordna li sas-seduta li jmiss li trid issir il-preżentazzjoni tax-xiehda kollha tal-intimat.*
>
> *Il-kawża qed tiġi differita għad-9 ta' Mejju 2017 fis-1.25pm".*

17. Fil-fatt fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2017 "*Dehret Carmen Ghio għas-soċjeta\` intimata assistita minn Dr Franco Galea*" u xehedet.

18. Għalhekk l-ewwel aggravju hu fieragħ.

**It-tieni u t-tielet aggravji**: *li l-appellanti ma kellhiex responsabbilta għal dak li ġara u l-kumpens li llikwida t-Tribunal hu eċċessiv.*

19. L-appellanti tilmenta ukoll li mill-provi t-Tribunal ma seta' qatt raġonevolment isib xi responsabbilta\` da parti tagħha fir-rigward tal-ilmenti tal-attur u fi kwalunkwe każ issostni li l-ammont li ġiet ordnata tħallas huwa eċċessiv u sproporzjonat.

20. Din il-qorti hawnhekk jidhrilha li għandha tagħmel riferenza għall-Artikolu 22(2) u 22(3) tal-Kap 378 (Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur):

*"(2) Appell jista' jsir fil-każijiet li ġejjin:*

*(a) fuq kull ħaġa li jkollha x' taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal;*

*(b) fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni; jew*

*(c) meta t-tribunal ikun **mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali** u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella"* [7].

*(3) Ikun hemm ukoll dritt ta' appell fil-każijiet kollha fejn l-ammont fil-kwistjoni, kalkolat skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 20(1), **jaqbeż l-elf u mitejn euro**".*

21. Kif wieħed jista' jara, t-tieni u t-tielet aggravji ma jinkwadrawx taħt l-Artikolu 22(2)(a), (b) jew (ċ), u għalhekk biex jiġu kkunsidrati minn din il-qorti irid jirriżulta li l-ammont fil-kwistjoni jaqbeż l-elf u mitejn euro (€1,200). Issa għalkemm l-ammont mitlub mill-attur huwa ta' €1,942, it-talba tiegħu ġiet milqugħa mit-Tribunal limitatament fl-ammont ta' €400. L-appell tas-soċjeta` konvenuta għalhekk jirrigwarda l-ammont ta' €400. L-attur appellat da parti tiegħu ma pproponiex appell inċidentali. Għalhekk f'dak l-istadju l-ammont fil-kwistjoni ma kienx jaqbeż is-somma li tissemma f'subinċiż (3). Għaldaqstant, l-appell jista' jkun biss dwar il-każijiet li jissemmew f'paragrafi (a), (b) u (ċ) ta' subinċiż (2). Għalkemm l-ammont pretiż fit-talba huwa ta' €1,942, jibqa' l-fatt li dan l-appell huwa limitat għall-ammont ta' €400.

22. Fil-fehma tal-qorti dwar it-tieni aggravju, fis-sentenza tat-Tribunal m'hemmx xi nuqqas li tista' twassal lil din il-qorti biex tikkonkludi li t-Tribunal mar kontra l-principji tal-gustizzja naturali. Kienet l-appellanti stess li tat cekk lill-appellat fis-somma ta' €63 biex taghmel tajjeb ghan-nuqqas li kien hemm fil-vjagg bil-kowc.[8] Ghall-qorti fih innifsu dan hu rikonoxximent li kienet responsabbli ghan-nuqqas li kien hemm fuq il-kowc. Għal dak li jirrigwarda t-*toilet* tal-kabina, l-aggravju m'hu xejn għajr stedina biex din il-qorti teżamina l-provi u tasal

[7] L-ewwel aggravju (li kif ingħad jirriżulta infondat) fil-fatt jinkwadra taħt dan is-sub-inċiż

[8] Albert Capello: *"Kif il-klijent waslu lura Malta nghataw kumpens ta' 50% tal-excursion ta' ħames sigħat u dan intbagħat lil kull familja permezz ta' ċekk".*

għall-konklużjoni li hi għal kollox differenti minn dik li wasal għaliha t-Tribunal. Aggravju li hu dwar punt ta' fatt li fil-fehma tal-qorti m'huwiex wieħed mill-każijiet kontemplati mil-liġi meta jista' jsir appell.

23. Fir-rigward tat-tielet aggravju, it-Tribunal illikwida l-ammont ta' erba' mitt ewro (€400) bħala kumpens dovut lill-appellat. It-Tribunal aċċetta l-ilment tal-appellat li fuq il-kowċ ma kienx hemm *airconditioning* jaħdem u t-*toilet* fil-kabina kien difettuż. Fl-aggravju l-appellanti argumentat li dik is-somma hi eċċessiva meta tqies li l-inkonvenjent kien, *"... ta' nuqqas ta' aircondition ta' mhux aktar minn siegħa"*. Il-kumpens li ffissa t-Tribunal kien mhux biss tal-*excursion* bil-kowċ iżda wkoll tal-inkonvenjent dwar it-*toilet* fil-kabina fejn kienu alloġġat l-attur. Ghalhekk ma jidher li hemm xejn barra minn loku li t-Tribunal illikwida dak il-kumpens. Il-qorti żżid li l-aggravju tal-appellanti m'hu xejn għajr stedina lil din il-qorti sabiex tagħmel apprezzament tal-provi mill-ġdid u tasal għall-konklużjoni differenti. L-istess raġunament li ssemma hawn fuq japplika fir-rigward tal-kumpens li llikwida t-Tribunal.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjez kontra l-kumpannija appellanti.**

Anthony Ellul.